**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 369/2022**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Clayton Camilleri)**

**(Spettur Mark Cremona)**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**-Vs-**

**RASHID I RAMADAN ALJABO**

**Illum 17 ta' Lulju 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **RASHID I RAMADAN ALJABO** bin Ibrahim u Amine imwieled il- Libja nhar il- 25 ta' Marzu 1993, minhajr residenza gewwa Malta, detentur ta' karta tal- identita Maltija bin- numru 162479A li ġie akkużat talli b' diversi atti, maghmulin wkoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l- istess dispozizjonijiet tal- ligi, u li gew maghmula b' rizoluzjoni wahda:-

1. **Akkuzat talli, nhar il- 31 ta Marzu 2022** ikkomometta serq ta' mobile phone minn barra l- istabiliment bl- isem Dopo gewwa l- Belt Valletta, liema serq huwa aggravat bil- hin u bil-valur, liema valur jaccedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad dannu ta' Dorina Pogor u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. **Aktar talli nhar l- 4 t' April 2022**, u/jew fil- jiem ta' qabel ikkomometta serq ta' fwejjah u/jew oggetti ohra minn gewwa l- istabiliment Franks Perfumery gewwa l- Belt Valletta, liema serq huwa aggravat bil- hin, bil- mezz u bil-valur, liema valur jaccedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad dannu ta' Ruth Failla u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. **Aktar talli nhar id- 19 t' April 2022** ikkomometta serq ta' wallet li kien jikkontjeni flus kontanti u dokumenti bankarji minn barra l- istabiliment Kennedy Bar and Bistro gewwa l- Belt Valletta, liema serq huwa aggravat bil-hin u bil- valur, liema valur jaccedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad dannu ta' Maya Kerstin Birgit u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. **Aktar talli nhar is- 27 t' April 2022** ikkomometta serq ta' fwejjah u/jew oggetti ohra minn gewwa l- istabiliment Franks Perfumery gewwa l- Belt Valletta, liema serq huwa aggravat bil- hin u bil- mezz ghad dannu ta' Ruth Failla u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. **Aktar talli nhar it- 28 t' April 2022 u/jew fil- jiem ta' qabel** ikkometta serq ta' fwejjah u/jew oggetti ohra minn gewwa l- istabiliment Franks Perfumery gewwa l- Belt Valletta, liema serq huwa aggravat bil- hin, u bil- mezz ghad dannu ta' Ruth Failla u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. **Aktar talli nhar it- 3 ta' Mejju 2022** ikkometta serq ta' flus kontanti u/jew oggetti ohra minn gewwa l- istabiliment Drunken Dumplings gewwa l- Belt Valletta, liema serq huwa aggravat bil- hin ghad dannu ta' Yin Yang u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. **Aktar talli nhar it- 3 ta' Mejju 2022** ikkometta serq ta' oggetti minn gewwa l- istabiliment Cekcik gewwa l- Belt Valletta, liema serq huwa aggravat bil-mezz ghad dannu ta' Tania Portelli u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

8. **Aktar talli nhar it- 3 ta' Mejju 2022**, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli, cioe vetrina tal- hanut bl- isem Cekcik gewwa l- Belt Valletta, liema hsara tammonta ghall-aktar minn 250euro ghad-dannu ta' Tania Portelli u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

9. **Aktar talli nhar l- 14 ta' Mejju 2022** ikkomometta serq ta' oggetti minn gewwa l- istabiliment Marks and Spencer gewwa l- Belt Valletta, ghad dannu ta' Emrah Adak, Alexia Attard u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

10. **Aktar talli nhar l- 14 ta' Mejju 2022** ikkometta serq ta' oggetti minn gewwa l- istabiliment Marks and Spencer gewwa l- Belt Valletta, ghad dannu ta'

Emrah Adak, Alexia Attard u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

11. **Aktar talli nhar il- 21 ta Mejju 2022** ikkometta serq ta’ flus kontanti, 2 iPads u/jew oggetti ohra minn gewwa l- istabiliment Bus Stop Lounge gewwa l-Belt Valletta, liema serq huwa aggravat bil- hin, bil- mezz u bil- valur, liema valur jaccedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad dannu ta’ Renato Vidal u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

12. **Aktar talli nhar it- 23 ta’ Mejju 2022** bil- hsieb li jikkometta reat ta serq minn gewwa l- istabiliment Marks and Spencer gewwa l- Belt Valletta, ghad dannu ta’ Emrah Adak, Alexia Attard u/jew persuni u/jew entitajiet ohra, wera dan il- hsieb b’ atti esterni u ta bidu ghal esekuzjoni ta dan id- delitt, liema delitt ma giex ezegwit minn habba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal- hati u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

13. **Aktar talli nhar l- 24 ta’ Mejju 2022** ikkomometta serq ta’ flus kontanti u/jew oggetti ohra minn gewwa l- istabiliment Tea Fusion Bubble Tea gewwa l- Belt Valletta, liema serq huwa aggravat bil- hin u bil- mezz ghad dannu ta’ Monica Doca u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

14. **Aktar talli nhar it- 30 ta’ Mejju 2022** ikkometta serq ta’ oggetti tal- ikel u/jew oggetti ohra minn gewwa l- istabiliment Maypole gewwa l- Hamrun, ghad dannu ta’ Roy Joseph Cremona u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

15. **Aktar talli nhar il- 15 ta’ Gunju 2022** ikkometta serq ta’ zraben u/jew oggetti ohra minn gewwa l- istabiliment Gallarija Dermanin gewwa Hal

Qormi, liema serq huwa aggravat bil- hin, bil- mezz u bil- valur, liema valur jaccedi l- elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro, u seba u tletin centezmu (€2329.37) ghad dannu ta' Jonathan Dermanin u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

16. **Aktar talli nhar il- 15 ta' Gunju 2022**, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli, cioe fuq entratura tal- hanut Gallarija Dermanin gewwa Hal- Qormi, liema hsara tammonta ghall-aktar minn 250euro ghad-dannu ta' Jonathan Dermanin u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

17. **Aktar talli nhar id- 19 ta' Gunju 2022** ikkometta serq ta' flus kontanti u mobile phone u/jew oggetti ohra minn gewwa Vettura Kia Optima bin- numru tar- registrazjoni HAS641 fi triq Korea Hal Qormi, liema serq huwa aggravat bil- hin, bil- mezz, bix- xorta tal- haga misruqa, u bil- valur, liema valur jaccedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad dannu ta' Jean Paul Ghigo u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

18. **Aktar talli nhar id- 19 ta' Gunju 2022**, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli, cioe vettura tal- ghamla Kia Optima bin- numru tar- registrazjoni HAS641 gewwa Hal- Qormi, liema hsara tammonta ghall-aktar minn 250euro ghad-dannu ta' Gennaro Filletti u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

19. **Aktar talli nhar l- 1 ta' Lulju 2022** ikkometta serq ta' flus kontanti u/jew oggetti ohra minn gewwa l- istabiliment Terranova gewwa Hal Qormi, liema serq huwa aggravat bil- hin, bil-mezz u bil- valur, liema valur jaccedi l- mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad dannu ta' Roberta Mercieca u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

20. **Aktar talli nhar it- 2 ta' Lulju 2022** ikkomometta serq ta' hwejjeg, zraben, basktijiet, kpiepel u/jew oggetti ohra minn gewwa l- istabiliment Alcot gewwa Hal Qormi, liema serq huwa aggravat bil- hin, bil- mezz u bil- valur, liema valur jaccedi l- elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro, u seba u tletin centezmu (€2329.37) ghad dannu ta' Lorita Seychell u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

21. **Aktar talli nhar it- 2 ta' Lulju 2022**, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli, cioe fuq entratura tal- hanut Alcot gewwa Hal- Qormi, liema hsara tammonta ghall-aktar minn 250euro ghad-dannu ta' Lorita Seychell u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

22. **Aktar talli nhar is- 6 ta' Lulju 2022 u/jew fil- jiem ta' qabel** bil- hsieb li jikkometti reat ta serq minn gewwa vettura tal- ghamla Toyota Liteace bin-numru tar- registrazjoni IBH632 gewwa Hal- Qormi, ghad dannu ta' George Camilleri u/jew persuni u/jew entitajiet ohra, wera dan il- hsieb b' atti esterni u ta bidu ghal esekuzjoni ta dan id- delitt, liema delitt ma giex ezegwit minn habba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

23. **Aktar talli nhar is- 6 ta' Lulju 2022 u/jew fil- jiem ta' qabel**, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli, cioe fuq vettura tal- ghamla Toyota Liteace bin- numru tar-registrazjoni IBH632, liema hsara tammonta ghall-aktar minn 250euro ghad-dannu ta' George Camilleri u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

24. **Aktar talli nhar is- 6 ta' Lulju 2022 u/jew fil-jiem ta' qabel** ikkomometta serq ta' nuccali u/jew oggetti ohra minn gewwa vettura tal- ghamla Toyota Corolla bin-numru HBA032 gewwa Hal Qormi, liema serq huwa aggravat bil-

hin, bil-mezz, bix-xorti tal- haga misruqa, u bil- valur, liema valur jaccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) ghad dannu ta' George Camilleri u/jew persuni u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

25. **Aktar talli nhar is- 6 ta' Lulju 2022 u/jew fil-jiem ta' qabel**, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli, cioe fuq il-vettura tal- ghamla Toyota Corolla bin- numru tar- registrazjoni HBA032, liema hsara tammonta ghall-aktar minn 250euro ghad-dannu ta' George Camilleri u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

26. **Aktar talli nhar is- 6 ta' Lulju 2022 u/jew fil-jiem ta' qabel** bil- hsieb li jikkometti reat ta serq minn gewwa vettura tal- ghamla Skoda Felicia Combi bin- numru tar- registrazjoni KAC968 gewwa Hal-Qormi, ghad-dannu ta' Francis Aquilina u/jew persuni u/jew entitajiet ohra, wera dan il-hsieb b' atti esterni u ta bidu ghal esekuzjoni ta dan id- delitt, liema delitt ma giex ezegwit minn habba xi haga accidentali u indipendenti mill- volonta tieghu u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

27. **Aktar talli nhar is- 6 ta' Lulju 2022 u/jew fil-jiem ta' qabel**, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli, cioe fuq il-vettura tal- ghamla Skoda Felicia bin- numru tar- registrazjoni KAC968, liema hsara tammonta ghall-aktar minn 250euro ghad-dannu ta' Francis Aquilina u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

28. **Aktar talli nhar is- 6 ta' Lulju 2022** bil- hsieb li jikkometti reat ta' serq agravat bil- hin, mezz u xorta tal- haga misruqa minn gewwa vettura tal-ghamla Toyota Yaris bin-numru tar- registrazjoni LDD114 gewwa Hal-Qormi, liema serq huwa aggravat bil-ħin, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa, għad-dannu ta' Concetta Schembri u/jew persuni u/jew entitajiet oħra u dan bi ksur tal-Artikoli 261 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

29. **Aktar talli nhar is- 6 ta' Lulju 2022 ġewwa Hal-Qormi**, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli, cioe fuq il-vettura tal- ghamla Toyota Yaris bin- numru tar- registrazjoni LDD114, liema hsara tammonta ghall-aktar minn 250euro ghad-dannu ta' Concetta Schembri u/jew persuni ohra, u/jew entitajiet ohra.

30. U aktar talli nhar is-6 ta' Lulju 2022 u/jew fil-jum ta' qabel, bil-ħsieb li jikkommetti reat ta' serq aggravat bil-ħin, bil-mezz u bix-xorta tal-ħaġa misruqa minn ġewwa vettura tal-għamla Picasso bin-numru tar-reġistrazzjoni VSB 020 ġewwa Ħal-Qormi, għad-dannu ta' George Camilleri u/jew persuni u/jew entitajiet oħra, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għal esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu u dan bi ksur tal-Artikoli 261 u 41 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

31. Aktar talli nhar is-6 ta' Lulju 2022 u/jew fil-jum ta' qabel, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeġ mobbli jew immobbli, cioe' fuq il-vettura tal-għamla Picasso bin-numru tar-reġistrazzjoni VSB020, ġewwa Ħal-Qormi, għad-dannu ta' George Camilleri u/jew persuni u/jew entitajiet oħra.

32. Kif ukoll talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula

33. Kif wkoll talli kkommetta reat waqt li kien taht ordni ta' probation, moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur jaqra l-akkuzi u jikkonfermahom bil-gurament[1] u rat id-dokumenti ppreżentati flimkien mal-akkużi;

Semgħet lill-imputat jiddikjara waqt l-eżami li m'huwiex ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontrih;

Semgħet ix-xhieda;

Rat il-provi kollha u d-dokumenti kollha li ġew prodotti matul is-smigħ tal-proċeduri;

Rat ir-Rikors konġunt tal-imputat u tal-Avukat Ġenerali ppreżentat fis-6 ta' Lulju 2023 ai termini tal-artikolu 392A(5) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta li permezz tiegħu iddikjaraw illi fl-eventwalita' li l-imputat jirreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, il-piena li għandha tiġi inflitta fuqu għandha tkun dik ta' ħames (5) snin priġunerija effettiva u dan oltre għal kwalunke sanzjoni, spejjeż, u/jew konsegwenza oħra mandatorja għad-dikjarazzjoni ta' sejbien ta' ħtija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semghet lill-imputat waqt l-udjenza tas-17 ta' Lulju 2023 jirreġistra ammissjoni u jiddikjara li huwa ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih;

Il-Qorti wissiet lill-imputat dwar is-serjeta' tal-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u semgħetu jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu anke wara li kkonċedietlu ħin biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' htija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tagħha, kif ukoll wara li spjegatlu l-piena erogabbli fuq dikjarazzjoni ta' ħtija kif miftiehem mal-Avukat Ġenerali fir-Rikors konġunt ippreżentat fis-6 ta' Lulju 2023 u wara li spjegatlu bi kliem ċar x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tiegħu fl-istess Rikors.

Rat l-atti kollha tal-proceduri;

---

[1] Akkużi kif korretti, moqrija u maħlufin fit-28 ta' Settembru 2022

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat, fil-preżenza tal-Avukat difensur tiegħu u bis-salvagwardji kollha li tesiġi l-liġi fl-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-istess imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tiegħu u kif minnu ammessi.

Il-Qorti tinsab sodisfatta illi l-ftehim milħuq bejn l-imputat u l-Avukat Ġenerali sar konformement mar-rekwiziti tal-artiklu 392A(5) tal-Kap. 9 u hu wkoll tali li jkun leġittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' ħtija għar-reati li dwarhom l-imputat ammetta l-ħtija. Għalhekk, sejra tieħu konjizzjoni ta' dan il-ftehim għall-fini tal-piena li għandha tiġi erogata fuq ammissjoni tal-ħtija għall-imputazzjonijiet kollha, anke għaliex ma jirrizultax li għandha tordna li jitkompla l-każ skont dak imsemmi fis-subartikolu (3) tal-istess artikolu 392A tal-Kap. 9 jew għal xi raġuni oħra li tiċħad it-talba.

**Għaldaqstant, wara li rat l-artikoli 17, 18, 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(ċ)(f)(ġ), 263, 264, 265, 266, 267, 270, 271(g), 278(1)(2)(3), 279(a)(b), 280(1)(2), 281(a), 284, 285, 289 u 325(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-artikoli 7 u 21 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq ammissjoni qiegħda ssib lil RASHID I RAMADAN ALJABO ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u tikkundannah ħames (5) snin priġunerija effettiva, liema sentenza qegħda tingħata fuq talba tal-partijiet taħt l-artikolu 392A(5)(7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.**

**Għall-fini tal-artiklou 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundanna lill-ħati RASHID I RAMADAN ALJABO sabiex iħallas lil Franks Perfumery, Valletta, is-somma ta' ħames mija u tmienja u sittin Euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€568.35) in linea ta' kumpens għat-telf subit b'riżultat tal-**

**kommissjoni tar-reati li dwarhom qed jinstab ħati, liema ħlas għandu jsir sa mhux iktar tard minn sitt (6) xhur.**

**Dan l-ordni għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.**

**Għall-fini tal-artikolu 392Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundanna wkoll lill-ħati għall-ħlas lir-Reġistratur, tal-ispejjeż kollha li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, u dan wara li r-Reġistratur jistabbilixxi dawn l-ispejjeż.**

**Tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**